MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 253/2003

**Paul Baldacchino**
**esercenti n-negozju**
**taht l-isem `British Garage'**

**vs**

**Angela Axiaq**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lill-attur s-somma ta' elfejn, mija u tlett Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (LM2,103.81,0), bilanc ta' prezz ta' karozza Daihatsu

FAZ-575 lilha mibjugha u kkonsenjata, u li naqset li thallas;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-5 ta' Marzu, tas-sena 2004, u bl-imghaxijiet;

3. Illi l-konvenuta ghandha tidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-2 t'Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok it-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi l-bilanc ta' prezz li qed jintalab effettivament thallas kollu diga' mill-konvenuta b'pagament mensili li ghamlet matul is-snin u l-attur, minkejja li thallas il-prezz kollu tal-vettura, naqas li johrog ricevuti tal-hlas u dan minkejja li dejjem kien jinghad lill-konvenuta li dawn kienu ser jintbaghtulha;

2. Illi fit-tieni lok l-ammont mitlub certament m'huwiex dovut illum stante illi l-attur arbitrarjament rega' ha lura l-vettura minghand il-konvenuta sabiex ipaci t-talba maghmula fit-talba odjerna u ghaldaqstant kemm-il darba t-talba odjerna tintlaqa' l-attur jispicca jkun arrikixxa ruhu ingustament minn fuq il-konvenuta fejn tkun qed terga' thallas ghal haga li diga' hallset ghaliha u li inoltre regghet ittiehdet lura mill-venditur;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur jiggestixxi negozju ta' bejgh ta' karozzi uzati;

2. Illi l-konvenuta kienet xtrat vettura uzata minghand l-attur;

3. Illi l-partijiet kienu ftehmu li l-konvenuta kellha thallas ammonti rateali ta' hamsin Lira Maltin, (LM50.00,0), fix-xahar;

4. Illi jirrizulta abbundantement assodat li l-konvenuta kienet thallas dan l-ammont hekk pattwit u anke bir-rata oghla ta' hamsa u sebghin Lira Maltin, (LM75.00,0), izda ricevuta qatt ma' kienet tinghata;

5. Illi jirrizulta li l-konvenuta kienet fizikament thallas dan l-ammont hekk pattwit lill-istess attur u f'okkazzjonijiet ohra lil ibnu Randolph u lil martu Georgina;

6. Illi pero' jirrizulta li ricevuta in sodisfazzjoni tal-pagament ma kienetx tinghata;

7. Illi l-konvenuta m'ghandhiex r-"records', jew ahjar prova tangibbli, tal-pagamenti effettwati minnha;

Ikkunsidrat:

Illi hu ovvju f'dan il-kaz li z-zewg partijiet jippekkaw fil-precizjoni;

Illi ghalkemm it-tnejn jallegaw li ghamlu dak minnhom dovut skond il-ftehim pattwit bejnietom, pero' hadd ma ressaq prova tangibbli u verifikabbli in sostenn ta' dan;

Ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------